MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

## (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

### ONOR. IMHALLEF

### TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 88/2013

**Joseph Manuel Galea u Joseph Attard**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Joseph Manuel Galea u ta' Joseph Attard li pprezentaw fit-18 ta' Novembru, 2013, u li jaqra hekk:

Illi **f'2005** l-esponenti tressqu l-Qorti ghar-reati li allegatament saru **f'2003** u gew akkuzati skond l-akkuzi hemm indikati: **Dok 'A'**.

Illi mill-ezami tal-process **ma sarx progress principalment tort ta' l-istess prosekuzzjoni** tant li anki l-istess Qorti tal-Magistrati fl-ahhar spiccat irrimarkat f'dan ir-rigward liema haga se tirrizulta fil-mori tal-kaz.

Illi **apparti** mis-suespost, jidher li l-anqas ma gew ipprezentati **l-artikoli** ghal xi l-esponenti qed jigu mressqin ghas-skopijiet tal-kaz.

Illi din is-sitwazzjoni qed isservi ta' **pregudizzju** lill-esponenti.

Illi minhabba **l-inefficjenza** minn naha tal-Prosekuzzjoni li holqot sitwazzjoni ta' **delungar inutilment u bla raguni**, l-esponenti mhux qed jigu koncessi il-possibilità li jkollhom fi zmien ragjonevoli u skond kif sancit fl-**Artikolu 6** tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-**Artikolu 39** tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-esponenti jaghmlu riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Stogmuler vs Austria** (ECHR 1969), fejn gie sottomess illi l-process kriminali m'ghandux jkun '*designed to avoid that a*

*person charged should remain too long in a state of uncertainty about his faith*.'

**Ghaldaqstant, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

1. **Tiddikjara** li l-process kriminali li qed jitmexxa fil-konfront tal-esponenti qed jiehdu d-dritt fundamentali u kostituzzjonali taghhom, hekk kif sancit fl-**Artikolu 6** tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-**Artikolu 39** tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba f'dewmien irragjonevoli bl-ispejjez konta l-istess konvenut.

2. **Takkorda** rimedju effettiv u taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti xierqa w necessarji sabiex jigu sanciti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tal-esponenti kif hawn fuq indikat.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha eccepixxa illi:

Fil-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li huma sofrew lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti bl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Attard et" li jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u sabiex konsegwentement jinghataw rimedju effettiv.

L-esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessità tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorità jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorità gudizzjarja.

Kif ser jirrizulta mill-atti processwali in dezamina, mhux minnu li ma sarx progress principalment tort tal-prosekuzzjoni. Anzi jirrizulta li kien hemm ukoll diversi talbiet ghal differiment da parti tal-akkuzati, kif ukoll xi drabi fejn minkejja li huma jew min minnhom kienu debitament notifikati bid-data tas-seduta naqsu li jidhru ghas-seduta.

Lanqas jirrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti tal-Qrati fir-rigward ta' dewmien.

Fil-fehma tal-esponenti dawn il-fatturi kollha suesposti ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti fl-iskrutinju taghha dwar l-allegat dewmien.

Savi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet.

Rat l-att tal-kaz li r-rikorrenti ghandhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti fl-2005 gew akkuzati quddiem il-qorti kompetenti kriminali bi frodi ghad-danni tal-Gvern u sa Frar, 2014, il-prosekuzzjoni kienet ghadha ma ghalqitx il-provi taghha. Ir-rikorrenti jallegaw li dan id-dewmien qed ikun ta' pregudizzju ghalihom u hu bi ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom ghad-dritt ta' smiegh fi zmien xieraq.

Fil-kuntest ta' dan l-aggravju, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Gatt vs Avukat Generali", deciza fit-28 ta' Frar, 2014, ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet guridici:

> "***12.*** *Hu ormai ben assodat, kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b'mod partikolari l-komplessità tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef ir-rikorrenti bhala*

*konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b'mod finali l-kaz. (Vide* ***Frydlender v. France*** *GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII).*

***13.*** *Ghalhekk f'kawza bhal din m'ghandux biss semplicement jigi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il-kawza biex tigi deciza. Ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra.*

***14.*** *Inoltre l-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju] [Ara wkoll, Q.Kos.* ***Joseph Camilleri v. Avukat Generali*** *– 28 Settembru 2012; ara wkoll Q.Kos.* ***George Xuereb v. Registratur tal-Qorti*** *– 8 Novembru 2004; Q.Kos.* ***Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru*** *18 Awwissu 1998; Q.Kos.* ***John Bugeja v. Avukat Generali*** *- 8 Novembru 2003]."*

Dwar il-meritu ta' dan il-kaz ma jidhirx li l-kaz ghandu xi komplessità partikolari. L-akkuza tirrelata ghal allegat frodi li sehh meta r-rikorrenti impurtaw tadam minn barra minn Malta, probabilment minn Sqallija, ihaltuh mat-tadam Malti, u jipprezentaw kollox bhala prodott Malti biex jiehdu sussidju akbar milli suppost. F'hafna seduti quddiem il-Qorti tal-Magistrati ma sar xejn, u mhix skuza li din il-kawza "*twieldet taht stilla hazina*", kif jghid wiehed mill-ufficjali tal-prosekuzzjoni f'dan il-kaz. Jidher car li l-prosekuzzjoni, ghal snin twal, ma haditx bis-serjetà dan il-kaz, ghax, wara li gew istitwiti dawn il-proceduri, il-pulizija mill-ewwel ghalqet il-provi taghha f'seduta wahda. Fil-fatt fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2014,

il-pulizija ipprovdiet il-provi kollha taghha, u nstemghu kollha hlief wiehed li ma telax ghas-seduta. Dan instema’ f’Mejju 2014 u l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha. Qabel din is-seduta, però, ma sar kwazi xejn, u l-avvizi li kienet taghti l-qorti fejn kienet tissolecita lill-prosekuzzjoni biex tara li fil-kaz jintwera progress sinifikattiv, kienu jaqghu fuq widnejn torox.

Fis-seduti ma kien isir xejn ghal diversi ragunijiet: daqqa l-prosekuzzjoni ma jkollhomx riferti tan-notifika tal-akkuzati, daqqa xi pulizija jew ufficcjali ohra jkunu msiefra, daqqa l-Magistrat sedenti ghas-smiegh tal-kaz kien ikun indispost, daqqa ufficcjali tal-prosekuzzjoni ikollhom xoghol iehor, u xi daqqiet ix-xhieda lanqas ikunu mharrka jew lanqas ikun hemm esebizzjoni tar-riferta taghhom. Hu car li dan il-kaz kien kwazi “abbandunat” ghal ghonq ir-rih, u ma sar ebda sforz biex il-kaz jinstema’ u jinghalaq f’qasir zmien. Kif inghad, wara li nfethu dawn il-proceduri, il-pulizija stembhet min-nghasa li kienet fiha, in-notifiki lill-partijiet interessati bdew isiru b’mod regolari, ix-xhieda (sitta jew seba’) gew imsejha u xehedu quddiem il-Qorti, u l-kaz tal-prosekuzzjoni inghalaq tista’ tghid f’seduta wahda. Ghaliex dan ma sarx fl-2005/2006, ma giex spjegat b’mod gustifikabbli. Ma jirrizultax li l-htiega ta’ safar regolari da parti ta’ wiehed mill-akkuzati, kellu jaffettwa l-andament tas-smigh tal-kawza. L-ewwel nett il-pulizija ghandha l-mezzi biex tikkontrolla dan is-safar, u t-tieni nett, ir-rikorrenti wrew li fi proceduri ohra, kriminali u anke civili, s-safar ma kienx problema, ghax kien jigi ppjanat biex ma jkunx ta xkiel ghas-smigh tal-kawzi.

Il-fatt li l-prosekutur inkarigat qal li ghandu mal-erba’ mitt kumpilazzjoni f’idejh u ma jistax jikkoncentra hafna fuq kull kaz, mhix skuza. Huwa dmir tal-gvern li jara li s-sistema jkollha mezzi bizzejjed biex kull kaz jipprocedi bid-debita

speditezza. Irid ikun pront li jakkorda rizorsi, sija ekonomici u sija umani, kemm fil-korp tal-pulizija kif ukoll fil-qrati, sabiex il-kawzi, specjalment dawk li min-natura taghhom m'humiex kumplessi, ma jdumux is-snin pendenti. Din il-Qorti fil-kawza "<u>Busuttil vs Avukat Generali</u>" deciza fit-2 ta' Lulju, 2013, osservat:

*""Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni:*

*""... imposes on the **Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision** - Salesi vs Italy (26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility - Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994) – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18).""*

L-istat ma jistax jghabbi persuna wahda b'400 investigazzjoni u jistenna mirakli minnha. Gustizzja efficjenti tehtieg investiment, u investiment qawwi mill-gvern, u sakemm dan ma jsirx, difficli li <u>kull kaz</u> jinstema' u jinghalaq f'qasir zmien.

F'dan il-kaz, ir-rikorrenti bdew jigu investigati fl-2003, fuq frodi ammontanti ghal circa Lm1203, tressqu l-Qorti fl-2005, u sallum, <u>ghaxar snin</u> wara, il-kaz ghadu pendenti. Fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2014, sar dak kollu li kellu jsir disa' snin qabel, bil-prosekuzzjoni effettivament taghlaq il-kaz taghha fid-9 ta' Mejju, 2014, u r-rikorrenti thallew dawn is-snin kollha sospizi

mill-beneficcji li kienu jkunu ntitolati ghalihom bhala membri tal-Farmers' Central Cooperative Society, ghal xejn!

Bhala rimedju, din il-Qorti tara li ghandha tordna l-hlas ta' kumpens, u ghal dan il-fini sejra tqis il-fatturi li l-Qorti Kostituzzjonali qieset bhala rilevanti fil-kawza "Gatt vs Avukat Generali", aktar qabel imsemmija, u cioé:

*"1. L-atteggjament passiv tar-rikorrenti u anke tal-konvenut matul il-proceduri.*

*2. In-nuqqas da parti tal-istat li johloq sistema effikaci sabiex hadd ma jithalla jabbuza bil-process gudizzjarju anke permezz tan-non kuranza tieghu.*

*3. Iz-zmien li r-rikorrenti hallew jghaddi qabel ma stitwew il-proceduri odjerni ghall-otteniment ta' rimedju ghal vjolazzjoni ravvizata."*

Dan il-kaz, meritu tal-prezenti proceduri, mhux pendenti ghal 40 sena (!) kif kien il-kaz meritu tal-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali u, ghalhekk, tqis li kumpens ta' €5000 ghandu jservi bhala "*just satisfaction*".

Ghalkemm tressqu provi mir-rikorrenti dwar danni reali li allegatament soffrew, din il-Qorti ma tarax li ghandha tillikwida dawn id-danni peress li mhux kompitu taghha li tidhol f'din il-materja. (Ara "Mifsud vs Bonello et" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Settembru, 2009). L-ammont ta'

danni, però, ittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti biex tqis l-ammont ta' danni non-pekunarji li hi tara li ghandu jithallas lir-rikorrenti.

Din il-Qorti trid tirrimarka li ghalkemm ix-xhieda ta' Albert Portelli, Manager fl-Ufficcju Nazzjonali tal-Istatistika, ma gietx registrata minhabba difett tekniku fis-sistema, dan kull ma ghamel kien li pprezenta u kkonferma bil-gurament il-kontenut tad-Dok. AP1.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta, u tilqa wkoll it-tieni talba fis-sens li tikkundanna lill-intimat Avukat Generali sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' hamest elef Ewro (€5000), cioé elfejn u hames mitt Ewro kull wiehed, bhala danni mhux pekunarji.

l-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-intimat Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------